MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1227/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**

**VS**

**KYLE MIFSUD**
**DONNA CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Kyle Mifsud, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 418892M u l-imsemmija Donna Camilleri, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 457586M.

**Akkuzati talli:**

Nhar il-hmistax (15) ta` Dicembru, 2013, ghal habta tas-saghtejn ta` filghodu (02:00hrs) gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra WPC 89 Maria-Carmela Spiteri u PC 1289 Andrei Cassar Bonaci, persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

2. Ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta` WPC 89 Maria-Carmela Spiteri u PC 1289 Andrei Cassar Bonaci, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

3. Ikkagunaw feriti ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` WPC 89 Maria-Carmela Spiteri u PC 1289 Andrei Cassar Bonaci skont ma ccertifika Dr. David Fenech, Reg. No. 2555 tac-Centru tas-Sahha, Floriana;

4. Ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirijiethom billil ma hallewx lil WPC 89 Maria-Carmela Spiteri u PC 1289 Andrei Cassar Bonaci jaghmlu dak li b'ligi ordnat jew jistghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta` dan il-Kodici jew ta` ligi ohra;

5. Hebbew kontra l-istess ufficjali tal-Pulizija fuq imsemmija sabiex jingurjawhom, idejjquhom jew jaghmlu hsara lill-istess ufficjali tal-Pulizija;

6. B'hekk saru recedivi, b'sentenzi mill-Qorti ta` Malta, liema sentenzi saret definittiva u ma jistghux jigu mibdula;

Lil Kyle Mifsud wahdu akkuzat talli nhar il-hmistax (15) ta` Dicembru 2013, gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

7. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet ta` nhar id-disgha (9) ta` Settembru 2013 fosthom li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux aktar tard mill-hdax ta` bil-lejl (23:00hrs) u ma johrogx minn hemm qabel is-sitta u nofs ta` filghodu (06:30hrs) tal-ghada, li bih inghata l-helsien mill-arrest, u b'digrieti ohra li bihom gew varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u kif emendat sussigwentament;

Lil Donna Camilleri wahedha, akkuzata talli nhar l-hmistax (15) ta` Dicembru 2013, ghal habta tas-saghtejn (02:00hrs) gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

8. F'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal-skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

9. Naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet ta` nhar l-erbatax (14) ta` Ottubru 2013 fosthom li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod mhux aktar tard mis-sitta ta` filghaxija (18:00hrs) u ma tohrogx minn hemm qabel it-tmienja ta` filghodu (08:00am) tal-ghada li bih inghatat il-helsien mill-arrest, u b'digriet li bihom gew varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u kif emendat sussigwentement;

10. Naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet ta` nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta` Ottubru 2012 li bih inghatat il-helsien mill-arrest, u b'digriet li bihom gew varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u kif emendat sussigwentement;

11. Ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. N. Camilleri, LL.D., datata il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Awwissu 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Ghaldaqstant, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tirrevoka *contrario imperio* l-helsien mill-arrest tal-imputati u kif ukoll tarresta lill-imputati mill-gdid.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta` sejbien ta` htija, tipprovdi ghas-sigurta` tal-ufficjali fuq imsemmija.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 96 (a), 95 (1), 214, 221 (1), 222 (1) (c), 338 (ee), 339 (1) (d), 49, 50, 17, 31, 533, 383, 384, 385, 386, 412C, 579 (1) (2) (3) u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputati.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputati ghall-imputazzjonijiet lilhom addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputati hatja fuq l-akkuzi li lilhom gew addebitati.

Rigward il-piena fil-konfront tal-imputata Donna Camilleri, dina l-Qorti tikkundannaha ghal sena (1) prigunerija.

Rigward il-piena fil-konfront tal-imputat Kyle Mifsud, dina l-Qorti tikkundannah disa` (9) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------